# BEATI U QADDISIN....SETTEMBRU

## SANTA TEREZA TA' KALKUTTA
## 5 TA' SETTEMBRU:

1910 – 1997



Twieldet fis-26 ta' Awwissu tas-sena 1910 gewwa Skopje fl-Albanija, u ta' 18-il sena ghamlet ghazla li tidhol fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Missjunarji tal-Madonna ta' Loreto.

Fis-sena 1928 marret l-Irlanda u ftit tax-xhur wara waslet gewwa l-Indja. Fis-seklu kienet jisimha Inez. Ma damitx ma hadet l-ewwel voti taghha u riedet li tkun maghrufa bl-isem Swor Marija Tereza tal-Bambin Gesu' billli kellha devozzjoni kbira lejn il-qaddisa minn Lisieux.

Ta' 20 sena kienet tgħallem l-istorja u l-ġeografija lil studenti bniet sinjuri fil-kulleġġ tas-sorijiet ta' Loreto f'Entally, żona fil-lvant ta' Kalkutta.

Mhux wisq bghid mill-kunvent taghha kien hemm wiehed mill-ifqar kwartieri ta' l-Indja. Hija hasset lil Gesu' kien qed isejhilha biex tiehu hsieb lil dawk abbandunati u li qed ibatu l-guh u jmutu fuq il-bankini minghajr ebda ghajnuna ta' hadd. Wara kwazi 20 sena mas-sorijiet ta' Loretu, precizament fis-16 ta' Awwissu 1948 hija halliet i-kunvent ta' Entally biex tibda' il-missjoni gdida taghha. Hija waqqfet il-kongregazzjoni taghha maghrufa bhala l-Missjunarji tal-Karita' u kienet l-ewwel superjura taghha. Barra t-tliet voti tal-faqar, kastità u ubbidjenza, kull Missjunarju tal-Karità jieħu ieħor, dak ta' "servizz gratwit lejn l-ifqar fost il-fqar."

Kienet tiddeskrivi lilha nnifsha bhal l-lapes zghir ta' Alla, strument zghir u semplici f'idejh. Kienet tagħraf b'umiltà li meta l-lapes jispiċċa, il-Mulej jarmih u jafda' lil ħaddieħor il-missjoni appostolika tagħha:

Madre Tereża mietet f'Kalkutta filgħaxija tal-Ġimgħa 5 ta' Settembru, 1997, fid-9.30. Kellha 87 sena. Fis-26 ta' Lulju, 1999 infetaħ il-proċess tagħha ta' beatifikazzjoni, 3 snin qabel suppost; għalkemm għall-poplu Madre Tereża kienet diġà qaddisa. Nhar id-19 ta' Ottubru 2003, il-Papa Ġwanni Pawlu II iddikjaraha Beata. Madre Tereża ta' Kalkutta kienet ġiet iddikjarata qaddisa fl-4 ta' Settembru 2016, mill-Papa Franġisku.

L-ulied spiritwali tagħha għadhom jaqdu lill-"ifqar fost il-fqar" fl-orfanatrofji, fil-lebbrożarji, fid-djar tal-anzjani, f'ommijiet xebbiet, u l-moribondi. B'kollox qegħdin 5000 f'madwar 600 dar imferrxin madwar id-dinja. "Meta mmut" – kienet tgħid hi – "inkun nista' ngħinkom iktar..."